MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tal-25 ta' Frar, 2008

Numru 522/2007

Il-Pulizija
(Spettur Anthony Cassar)

vs

John Borg
Antonio Borg
Lewis Mifsud

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi kontra l-imputati John Borg, Antonio Borg u Lewis Mifsud detenturi ta’ karta ta’ identita’ numru 368066(M), 315967(M) u 516552(M) rispettivament talli:

1. gewwa r-Razzett tal-Hbiberija u f’inhawi ohra f’Marsaskala, nhar is-26 ta’ Lulju, elfejn u hamsa (2005) ghall-habta ta’ xi l-ghaxra u nofs ta’ filghodu volontarjament hassru, ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg

haddiehor, mobbli jew immobbli meta ghamlu diversi hsarat fuq il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni CAT-972 ghad-dannu ta' Dominic Briffa minn Birzebbuga, liema ammont tal-hsara ma jiskorrix il-hames mitt lira, imma li huwa izjed minn hamsin lira.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstema sommarjament mhux opposta;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkonsidrat:

Illi fl-udjenza tal-lum l-imputati irregistraw ammisjoni fl-liema ammisjoni huma ppersistew anka wara li l-Qorti tathom zmien jirrikonsidraw. Jirrizulta wkoll li l-parti reza giet risarcita d-danni kollha.

Rat l-Artikolu 325 (b) tal-Kap 9 u tiddeciedi li tapplika kontra taghhom l-Artiklu 22 tal-Kap 446 ghall-perjodu ta' sena mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------